# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. NOEL V. ARRIGO LL.D.**

**Illum it-Tnejn, 30 ta' Lulju 2001**

**Citaz. numru: 1851/99 M3 NA**

**Laura Camilleri**

**vs**

**John Camilleri**

**Il-Qorti,**

Dan id-digriet gie provokat b'rikors ta' l-attrici tal-24 ta' Ottubru 2000 fejn, minkejja d-diversi premessi li saru minnha, fih titlob "*illi din l-Onorabbli Qorti joghgobha tiffissa l-hinijiet ta' l-access tal-minuri mill-intimat, taht supervizjoni ta' Social Worker, u dan taht dawk il-provvedimenti kollha li dina l-Onorabbli Qorti joghgobha tordna fl-ahjar interess tal-minuri.*"

Il-konvenut ghamel ir-risposta tieghu fis-17 ta' Novembru 2000 fejn jinnega dak allegat mill-attrici.

Ir-rikors gie appuntat ghall-11 ta' Dicembru 2000 fejn dehret biss l-attrici mhux assistita minkejja illi l-konvenut kien notifikat bl-avviz tas-smiegh. F'din is-seduta l-Qorti ffissat hinijiet ta' access b'mod provizzorju filwaqt illi nnominat Social Worker mill-S.W.D.P. biex jindaga din il-kwistjoni ulterjorment. Hija wkoll stiednet lill-attrici biex taghmel rikors appozitu fir-rigward ta' l-alimenti.

Ir-rapport ta' Marthese Schiavone, Social Worker, gie pprezentat u mahluf fis-seduta tal-20 ta' April 2001 u r-rikors differit ghas-6 ta' Gunju 2001 ghall-ezami ta' l-istess rapport. F'din is-seduta deher biss id-difensur tal-konvenut li rremetta ruhu ghar-rapport u r-rikors gie differit ghad-digriet kamerali li sejjer jinghata llum.

Ikkunsidrat:-

Illi hlief dak allegat fir-rikors u fir-risposta l-Qorti ghandha biss ir-relazzjoni tas-Social Worker biex tkun tista' tiddeciedi dan ir-rikors. Dana pero', fil-fehma taghha, huwa sufficjentement iddettaljat biex hija tkun tista' tistrieh fuqu fir-rigward tad-diversi fatti tal-kaz minkejja illi, kif sejjer jinghad, ma taqbilx

ghal kollox ma' whud mill-konkluzzjonijiet u suggerimenti li waslet ghalihom l-istess Social Worker.

Ikkunsidrat:

Fl-ewwel lok pero' irid jinghad illi rrizulta illi llum il-minuri, li ghandu wkoll certu eta', ghandu relazzjoni tajba mal-missier fejn qabel dan ma kienx il-kaz. Parti minn din it-tibdil fl-atteggjament tal-minuri jista' jkun rizultat tal-komportament ta' l-omm li, huwa allegat, ukoll ghandha habib li gieli tohrog mieghu. Parti pero', minn dan it-tibdil huwa zgur ukoll dovut ghall-fatt illi l-minuri jiehu pjacir ma' missieru li, fil-hin ta' l-access, johorgu u jilghab mieghu filwaqt illi l-omm, li kif gie wkoll osservat mis-Social Worker ghandha livell ta' edukazzjoni ahjar mill-missier, aktar tiffitta mal-minuri fuq l-istudju. "*Paul ser jaghmel l-ezami ta' l-iskejjel tal-Knisja u tal-Junior College, bhal issa tezisti certu apatija minn Paul ghal Laura ghax din ta' l-ahhar qed theggu u taghmel minn kollox biex hu jistudja.*" (fol. 30 tal-process). Huwa ovvju illi filwaqt illi l-loghob huwa importanti ghal tifel l-eta' tal-minuri, l-istudju ma jistax jigi ttraskurat u huwa, bla dubbju, ta' importanza ugwali jekk mhux akbar. Jirrizulta wkoll li mhux minnu illi l-missier isawwat lil minuri minkejja illi, del resto kif ghandu

jaghmel missier, gieli jikkoreggih.  "*Il-minuri Paul qatt ma gie msawwat minn missieru John, ghalkemm kien hemm drabi fejn dan ta' l-ahhar ghajjat mieghu waqt il-hinijiet ta' l-access.*" (fol. 31 tal-process).

Dawn il-konsiderazzjonijiet kollha u l-interess suprem ta' l-istess minuri jwasslu lill-Qorti ghal dawn il-konkluzzjonijiet:  (1) li tichad it-talba biex l-access isir taht supervizjoni;  (2) tilqa' t-talba biex jigu ffissati l-hinijiet ta' l-access b'modalitajiet li huma kompromess bejn dak issuggerit mis-Social Worker u d-digriet provizorju ta' din il-Qorti peress illi l-Qorti taqbel ukoll illi fejn il-missier ma jkunx xoghol it-tifel jista' u ghandu jorqod mieghu darba fil-gimgha, filwaqt illi l-hinijiet iffissati mill-Qorti kienu fil-parametri tal-programm edukattiv tal-minuri u tal-hinijiet li l-Qorti tifhem dan irid jattendi l-Museum.

Il-hinijiet ta' l-access ghalhekk *pendete lite* huma kif gej:

1. Kull ta' nhar ta' Erbgha bejn l-4.00 p.m. u t-8.00 p.m. (id-9.00 p.m. fil-vaganzi tas-sajf);

2. Kull nhar ta' Gimgha bejn it-3.00 p.m. u t-8.00 p.m. (id-9.00 p.m. fil-vaganzi tas-sajf);

3. Meta l-missier ma jkunx xoghol mis-Sibt bejn is-6.00 p.m. sal-Hadd fis-6.00 p.m.; fejn invece l-missier ikun xoghol l-access ikun biss il-Hadd bejn l-10.00 a.m. u s-6.00 p.m. (is-7.00 p.m. fil-vaganzi tas-sajf).

L-ispejjez huma riservati.

**ONOR. IMHALLEF NOEL V. ARRIGO LL.D.**

Deputat Registratur

rf.